**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Christian McKay, detentur tal-karta tal-identita numru 173889M**

***Kumpilazzjoni Nru. 61/2017***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Christian McKay, u ċioè talli:

Nhar il-05 ta' Frar, 2017, gewwa Copsicua;

a) għal ħabta ta' bejn is-saghtejn u s-sagħtejn u għaxra ta' wara nofsinhar (14:00hrs – 14:10hrs), ġewwa Triq Fuq San Pawl, Bormla, u diversi toroq oħra ġewwa Cospicua, bil-ħsieb li jagħmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuni ta' ***Shana Cassar u Mavrick Zammit*** wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq il-vettura tal-għamla ***Hyundai*** tip ***Accent*** bin-numru tar-reġistrazzjoni ***ROD182***, u biha ħabat diversi drabi għal ġol-vettura tal-għamla ***Hyundai*** tip ***Accent*** bin-numru tar-reġistrazzjoni ***CAD361*** waqt li kienet misjuqa minn ***Mavrick Zammit*** u ***Shana Cassar*** kienet passiġġiera, liema delitt ma ġiex eżegwiet minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu;

b) fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi volontariament għamel ħsara fuq il-vettura tal-ghamla ***Hyundai*** tip ***Accent*** bin-numru tar-registrazzjoni ***ROD182***, li jammonta għal aktar minn mitejn tnejn u tlettin Ewro, u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u cioe` elf sitt mija, ħamsa u sebgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€1,675.66) u dan għad-detriment ta' ***Maria Anna Cassar;***

c) fil-istess data, hin, lok u ċirkustanzi volontariament għamel ħsara fuq il-vettura tal-għamla ***Hyundai*** tip ***Accent*** bin-numru tar-reġistrazzjoni ***CAD361*** li jammonta għal aktar minn mitejn tnejn u tlettin Ewro, u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u cioe` elf sitt mija, ħamsa u sebgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€1,675.66) u dan għad-detriment ta' ***Shana Cassar;***

d) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saqq il-vettura tal-għamla ***Hyundai*** tip ***Accent*** bin-numru tar-reġistrazzjoni ***ROD182*** b'manjiera traskurata kbira, u perikoluża;

e) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed jsuq l-imsemmija vettura naqqas li jkollu kontroll sħih tal-vettura u vista sħiħa tat-triq u tal-vetturi;

f) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża, bla kont, traskuraġni,negliġenti, bi *speed* ecessiv u naqas milli jħares ir-regolamenti tat-traffiku;

g) nhar il-05 ta' Frar, 2017, għall-ħabta tas-sagħtejn u għaxra ta' wara nofsinhar (14:10hrs) u xhur qabel din id-data, ġewwa Triq Mithna, Cospicua, u bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer talli ġab ruħu b'talli mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta fastidju li ***Shana Cassar***, omm uliedu, u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta;

h) fl-istess dati, ħin u ċirkustanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil ***Shana Cassar*** omm uliedu, biża' li se tintuża vjolenza kontriha u kontra familjari tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf kien jaf li l-imġieba tiegħu se jikkaġuna lil ***Shana Cassar*** u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta;

i) nhar il-05 ta Frar, 2017, għall-ħabta tas-sagħtejn u għaxra ta' wara nofsinhar (1410hrs) ġewwa Triq Fuq San Pawl, Cospicua, volontarjament kisir il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat, ġlied u storbju;

j) nhar il-05 ta' Frar, 2017, u xhur qabel din id-data, gġewwa Triq il-Mitħna, Cospicua, u bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer talli ġab ruħu b'talli mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta fastidju li ***Mavrick Zammit***, u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta; u

k) fl-istess dati, ħin u ċirkustanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil ***Mavrick Zammit*** biża' li se tintuża vjolenza kontrih u kontra familjari tiegħu jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf kien jaf li l-imġieba tiegħu se jikkaġuna lil ***Mavrick Zammit*** u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

**Talli** nhar il-05 ta' Frar, 2017 ġewwa Triq Mdina, bejn Ħaż-Żebbuġ u Ħal-Qormi, għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u nofs u l-għaxra u nofs (09:30hrs – 10:30hrs) ta' filgħodu:

l) saqq il-vettura tal-għamla ***Hyundai*** tip ***Accent*** bin-numru tar-reġistrazzjoni ***ROD182*** b'manjiera traskurata kbira, u perikoluża;

m) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqqas li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura u vista sħiħa tat-triq u tal-vetturi; u

n) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża, bla kont, traskuraġni,negliġenti, bi speed eċċessiv u naqas milli jħares ir-regolamenti tat-traffiku.

**Talli** nhar il-04 ta' Diċembru, 2016:

o) għall-ħabta ta' x'il-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30hrs), ġewwa 12, Triq il-Mitħna, Cospicua sawwat bla ma darab lil ***Shana Cassar;***

p) fl-istess data u ħin, ġewwa Triq il-Mitħna, Cospicua u toroq oħra, ġewwa dawn il-gżejjer, saqq il-vettura tal-għamla ***Hyundai*** tip ***Accent*** bin-numru tar-reġistrazzjoni ***ROD182*** b'manjiera traskurata kbira, u perikoluża;

q) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontrol sħiħ tal-vettura u vista sħiħa tat-triq u tal-vetturi;

r) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża, bla kont, traskuraġni, negliġenti, bi speed eċċessiv u naqas milli jħares ir-regolamenti tat-traffiku;

s) fl-istess data, għall-ħabta tas-siegħa ta' waranofsinhar (1300hrs) ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla sawwat bla ma darab lil ***Shana Cassar; u***

t) aktar irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra ***Christian McKay***, a benefiċċju ta' ***Shana Cassar***, u ***Mavrick Zammit u familja tagħhom*** u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' ***Shana Cassar***, u ***Mavrick Zammit u familja tagħhom*** jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ***Christian McKay*** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijjet ta' Malta, għal żmien li tħoss xeraq.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi l-imputazzjonijiet (l) sa (n), it-tnejn inkluzi, huma identici ghall-imputazzjonijiet (d) sa (f), it-tnejn inkluzi, filwaqt li l-imputazzjoni (f) hi alternattiva ghall-imputazzjonijiet (d) u (e), mehudin flimkien, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. L-istess jinghad dwar l-imputazzjoni (r) li hi alternattiva ghall-imputazzjonijiet (p) u (q), mehudin flimkien, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-ammont tal-hsara kawzata fuq iz-zewg vetturi, kif imputat lill-akkuzat, hi fl-istess ammont u cioe` ta' €1,675.66, xi haga li l-Qorti tqis ferm improbbabli. Illi l-imputazzjoni (o) kif migjuba hi ghal kollox nieqsa mill-elementi ta' reat u ghalhekk minkejja l-ammissjoni tal-imputat ghaliha, il-Qorti ma ghandha ebda alternattiva ghajr li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri anke ta' din l-imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghal Qorti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz *inter alia* tal-fatt li l-parte civile haffret lill-imputat, missier wild minn taghha, kif ukoll ittiehed in konsiderazzjoni is-*social enquiry report* li sar fuq talba tad-difiza.

Hija l-fehma tal-Qorti li l-imputat jinhtieg jinghata l-ghajnuna sabiex jirriforma ruhu, jitghallem mill-izbalji tieghu u jeghleb dak li qed ifixxklu jghix seren in ottemperanza mal-ligi. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li piena karcerarja certament mhix wahda idoneja izda l-imputat ghandhu jibqa' suggett ghall-supervizzjoni stretta u rigoruza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 216, 218, 251A, 251B, 325(1)(b), 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a), (2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-regolament 68 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, (L.S.65.11), fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Inoltre` biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-partijiet lezi, Shana Cassar, Maria Anna Cassar u Maverick Zammit, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

A tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna li jista` jirrikjedi dwar *anger management*

Finalment tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni jew jekk jikser l-ordnijiet fuqu impost.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**